**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 26 ta' Mejju 2025**

**Kawża Numru: 6918/2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**kontra**

**Jean (Jean Pierre) Schembri**

Il-Qorti,

Rat illi **Jean (Jean Pierre) Schembri** ta' sebgħa u erbgħin (47) sena, iben Joseph u Nicolette nee' Borg, imwieled il-Pieta fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sebgħin (1977), residenti fil-fond numru wieħed u tmenin (81), Flat 1A, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0201577(M) ġie mressaq quddiemha u akkużat talli f'Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Karl Stagno Navarra u b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak li għamel kien ta fastidju għal Karl Stagno Navarra;

2. bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Karl Stagno Navarra biża li ser tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu;
3. insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Karl Stagno Navarra;
4. għamel inġurji jew theddid mhux msemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
5. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobli, liema ħsara ma tiskorrix l-mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' Karl Stagno Navarra;
6. ħebb għal Karl Stagno Navarra u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa;
7. permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat;
8. permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Karl Stagno Navarra biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tiegħu jew biex jimmalafama lill-istess Karl Stagno Navarra, jew xi persuna oħra;
9. permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

Il-Qorti ġiet miltuba sabiex titratta mal-imputat bħala reċediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'sentenzi tal-Qorti li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Kif ukoll talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kkommetta reat waqt sentenza fejn ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin li ngħatat mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia nhar l-erbgħa u għoxin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna ta' Karl Stagno Navarra jew sabiex jinżamm il bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat torbot lil Jean (Jean Pierre) Schembri b'obbligazzjoni tiegħu nnifisu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Jean (Jean Pierre) Schembri għal benefiċċju ta' Karl Stagnno Navarra u l-familja tiegħu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-abbli avukat difensur.

**Ikkunsidrat :-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

L-**Ispettur Doriette Cuschieri**[2] xehdet u spjegat li nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), kien daħal rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi minn ċertu Karl Stagno Navarra, fejn dan irraporta li kien qed jirċevi nsulti u theddid minn ċertu Jean Pierre Schembri. Tgħid li Karl Stagno Navarra kien spjega li hu kien xtara vettura *Mini Cooper* mingħand Jean Pierre Schembri u li kien ħallsu ta' din il-vettura. Karl Stagno Navarra kien stqarr li mbagħad fis-sena elfejn u dsatax (2019), huwa kien partat din il-*Mini Cooper* ma vettura tal-għamla *Qashqai* u kienu ftehmu li Karl Stagno Navarra kellu jżid is-somma ta' tnax-il elf ewro (€12,000). Il-kwerelant kien spjega li kien għamel sentejn iħallas pagamenti ta' erba' mitt ewro (€400) fix-

[1] A fol. 3 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 25 tal-atti proċesswali

xahar. Kif għaddew dawn is-sentejn, stqarr li beda jirċievi dan it-theddid. Meta kien ġie mistoqsi jekk kienx dejjem għamel dawn il-pagamenti, huwa kien stqarr li l-pagamenti saru dejjem, pero kien hemm drabi li saru ftit iktar tard milli kien miftiehem.

L-Ispettur tgħid li l-kwerelant kien stqarr ukoll li fi żmien erba' (4) snin huwa kien ħallas is-somma ta' dsatax-il elf u mitejn ewro (€19,200) lil Jean Pierre Schembri. Irċevuti ma kellux għax kien stqarr li Jean Pierre Schembri ma kienx jagħtih rċevuti ta' dawn il-ħlasijiet. Mistoqsi fuq il-vettura *Qashqai*, kien stqarr li l-vettura ma għadhiex għandu għaliex din il-vettura kien taha lura lil Jean Pierre Schembri u baqgħet reġistrata fuq l-istess Schembri. Il-kwerelant kien stqarr ukoll mal-Pulizija li xi sentejn qabel, Jean Pierre Schembri kien mar ifittxu fil-post tax-xogħol tiegħu l-*One Productions* u kien ħebb għalih. Kienu telgħu l-Qorti pero l-kwerelant dak iż-żmien kien ħafirlu fil-bini tal-Qorti.

L-Ispettur Doriette Cuschieri tixhed li Karl Stagno Navarra kien ġie mistoqsi kif kien qed jirċevi dan it-theddid u kien stqarr li kien jirċevih kemm wiċċ imb'wiċċ billi l-imputat mar kemm il-darba fir-residenza tiegħu s-Siġġiewi jew inkella kien imur jistennih fejn il-post tax-xogħol tiegħu. Kien anke jirċevi theddid permezz ta' messaġġi minn fuq in-numru tat-telefon ċellulari 9942 5337 għal fuq in-numru tat-telefon ċellulari tiegħu 7773 1648.

L-Ispettur Cuschieri tispjega li dakinhar stess tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), il-Pulizija kienet bagħtet għal Jean Pierre Schembri sabiex jiġi mitkellem fuq dan ir-rapport. Huwa ngħata d-drittijiet kollha tiegħu u kien eżerċita d-dritt tiegħu tas-silenzju. Aktar tard dakinhar stess, kien reġa' daħal rapport mingħand il-kwerelant, fejn rraporta li Jean Pierre Schembri kien mar iħabbatlu fir-residenza tiegħu ġewwa s-Siġġiewi u kif fetaħlu l-bieb ta' barra, Schembri daħal ġewwa r-residenza tiegħu. Kien liebes *crash helmet* u waddabha u kissirlu važun. Kien ukoll ħebb għalih u qabdu minn għonqu.

L-Ispettur Cuschieri tgħid li kif daħal dan ir-rapport, hija kienet ordnat illi Jean Pierre Schembri jigi arrestat. Il-Pulizija kienu marru ifittxuh fir-residenza tiegħu ġewwa Ħaż-Żebbuġ, iżda ma sabuhx. L-għada fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) l-Ispettur kienet talbet għal ħruġ ta' mandat ta' arrest. Tgħid li għall-ewwel Jean Pierre Schembri ma nstabx iżda imbagħad irnexilha tkellmu permezz tat-*telefon* u tgħid li fil-fatt kien mar ikellimha l-għada tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għaliex lejliet kien Għawdex. Meta mar l-Għassa tal-Pulizija, huwa kien ġie mill-ewwel infurmat dwar l-arrest tiegħu u ttieħdet stqarrija dakinhar stess.

Ix-xhud preżentat il-mandat ta' arrest[3], dikjarazzjoni ta' rifjut ta' parir legali, iffirmata minnha, minn Jean Pierre Schembri, minn RPC 3059 u minn PC 1502[4] u l-istqarrija tal-imputat[5].

L-Ispettur Cuschieri tixhed li Jean Pierre Schembri, meta ġie mistoqsi dwar ir-rapport, kien stqarr li kien hemm xi pretensjonijiet ċivili, fejn Karl Stagno Navarra kellu itih xi flus u kien għadu ma ħallsux kollox. Kien ġie mistoqsi jekk kienx bagħat xi messaġġi jew jekk kienx mar fir-residenza jew fil-post tax-xogħol ta' Karl Stagno Navarra biex ifittxu u huwa wieġeb fl-affermattiv, pero ċaħad li kien ħebb għalih jew li heddu, iżda kien stqarr li kien imur hemm biex jiġbor flusu. Huwa ċaħad dak li kien ġie allegat fil-konfront tiegħu dwar l-inċident tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u spjega li dak il-ħin kien ma bintu ġewwa l-iskola.

L-Ispettur Doriette Cuschieri spjegat li kienet saret ukoll talba lis-*service provider Epic Communications Limited* għall-informazzjoni fuq n-numru tat-telefon ċellulari 9942 5337 li kien ipprovdilha l-kwerelant, minn fejn stqarr li kien qed jirċievi l-messaġġi. L-*Epic Communications Limited* ikkonfermaw li dan in-numru huwa ta' Jean Pierre Schembri bin-numru tal-karta tal-identita' 201577(M). Ix-xhud preżentat il-korrispondenza mal-*Epic Communications Limited*[6]. Hija ppreżentat ukoll kopja tal-okkorrenza[7], ċertifikat mediku li inħareġ f'isem Karl Stagno Navarra, fejn ġie ċċertifikat li kien qed isofri minn feriti ta' natura ħafifa[8] u vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Jean Pierre Schembri**, deċiża nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)[9]. Ippreżentat ukoll dokument ieħor[10], li juri li l-imputat ħallas il-multa ta' disa' mija u għoxrin ewro (€920) li kien ġie kkundannat iħallas. Ikkonfermat ukoll li l-imputat huwa l-istess Jean Pierre Schembri li kien sar r-rapport fil-konfront tiegħu mill-kwerelant.

**PS 610 Mark Anthony Spiteri**[11] xehed u kkonferma li nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) huwa kien xogħol l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi, fejn Karl Stagno Navarra kien mar jagħmel rapport fil-konfront ta' Jean Pierre Schembri, minħabba li kien qiegħed jirċevi diversi nsulti u theddid mingħandu. Karl Stagno Navarra kien spjega li huwa kien

[3] 'Dok C' a fol. 30 tal-atti proċesswali
[4] 'Dok D' a fol. 31 tal-atti proċesswali
[5] 'Dok E' a fol. 32 tal-atti proċesswali
[6] 'Dok F' a fol. 35 tal-atti proċesswali
[7] 'Dok G' a fol. 38 tal-atti proċesswali
[8] 'Dok H' a fol. 41 tal-atti proċesswali
[9] 'Dok I' a fol. 42 tal-atti proċesswali
[10] 'Dok J' a fol. 47 tal-atti proċesswali
[11] A fol. 49 tal-atti proċesswali

partat vettura ma Jean Pierre Schembri u kellu jżid is-somma ta' tnax-il elf ewro (€12,000). Dan kien seħħ fis-sena elfejn u dsatax (2019). Huwa rraporta li wara li kien għamel l-ewwel ħames (5) pagamenti beda jirċevi theddid u insulti mingħand Schembri kemm wiċċ b'wiċċ, kif ukoll permezz ta' *WhatsApp*. Stagno Navarra kien stqarr li l-kwistjoni kienet ilha għaddejja, iżda kien wasal f'punt fejn ma setax ikompli hekk. Spjega li Schembri ġieli kien mar fuq il-post tax-xogħol tiegħu u kien għalhekk li kien qed jagħmel dan ir-rapport. Stagno Navarro kien stqarr li huwa dejjem kien għamel il-pagamenti u kien ħallas is-somma ta' dsatax-il elf u mitejn ewro (€19,200) b'kollox. Irċevuti pero ma kienx tah. Ix-xhud għamel referenza għar-rapport tiegħu mmarkat bħala 'Dok G' eżebit fl-atti.

**Karl Stagno Navarra**[12] xehed u kkonferma li kien għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi f'Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024). Igħid li kien mar l-Għassa darbtejn. Spjega li kien xtara karozza mingħand Jean Pierre Schembri madwar erba' (4) snin qabel ma għamel ir-rapport u kien ħallsu b'pagamenti mensili. Madanakollu wara ċertu żmien l-imputat ma tahx iktar irċevuti. Igħid li minkejja li ma kienx qed jirċievi irċevuti hu baqa' iħallas għax kien irrikattat u mhedded, kemm fuq it-telefon, fuq il-post tax-xogħol tiegħu, kif ukoll f'daru. Igħid li tant kien iddejjaq li kien qallu li kien ser ineħħi ħajtu u Schembri kien daħak u wieġbu li dik kienet affari tiegħu.

Igħid li għandu t-telefonati rekordjati bit-theddid u kliem ħażin da parti tal-imputat. Igħid li lilu werwru bit-telefonati kontinwi u theddid kontinwu. Dan kollu ġara għaliex skond l-imputat huwa kien immissja xi pagament. Spejga li dakinhar li l-Pulizja bagħtet għall-imputat, kif telaq mill-Għassa kien mar għalih wara l-bieb ta' daru ġewwa s-Siġġiewi u beda jgħajjat. Igħid li mar armat bi *crash helmet* f'idu u beda jsabbat mal-bieb ta' barra u kellu jiftaħ ta' bilfors għax għandu l-ħġieġ mal-bieb ta' barra u kien jifqagħlu l-bieb ta' barra. Igħid li dakinhar f'għajnejn l-imputat ra rabja kbira. Igħid li huwa għamel idejh wara dahru għax kien ċert li jekk jimbuttah, kien joqtlu ! L-imputat beda jpoġġi moħħu ma rasu u jagħti b'rasu u jgħajjat u jitkellem ħażin u kif qallu li kien ser iċempel lir-*Rapid Intervention Unit* ħarab minn fuq il-post.

Ix-xhud igħid li huwa kien anke mar għand tabib u ġab ċertifikat mediku minħabba l-ġrieħi li kellu f'wiċċu. Huwa jgħid li Jean Pierre Schembri kien qabad il-*crash helmet* u sabtu fuq il-mejda li kellu fl-intrata, kisser važun u l-ħġieġ minnu tar u ġie fuq wiċċu. Igħid illi Schembri kien ukoll poġġa jdejh ma għonqu, f'attentat sabiex jimbuttah jew jifgaw. Jispjega li dak il-ħin ħa xi ritratti tal-ħsarat li sarulu fid-dar. Il-ħsara kienet tammonta għal mija u ħamsa u sittin ewro (€165).

[12] A fol. 52 tal-atti proċesswali

Huwa eżebixxa USB[13] kontenenti ritratti tal-ħsarat, rċevuta tal-ħsara, *voice messages*, messaġġi ta' theddid fuq il-*WhatsApp* tiegħu u ritratti tal-ġrieħi li ssubixxa. Ix-xhud igħid li kien hu li għamel dan il-*pen drive* wara li kien ġabar l-affarijiet minn fuq il-*mobile phone* tiegħu. Igħid li l-messaġġi kien jirċevihom minn numru tat-telefon ċellulari tal-imputat. Jispjega li l-imputat kien juża ħafna numri pero riċentement l-iktar numru li kien qiegħed juża kien in-numru 9942 5337. Igħid li huwa rċieva l-messaġġi fuq in-numru tat-telefon ċellulari personali tiegħu li huwa 7772 1648.

Huwa għaraf lill-imputat bħala l-persuna kontra min għamel ir-rapport tiegħu. Ippreżenta ukoll dsatax il-riċevuta maħruġa mill-imputat dwar il-ħlasijet li għamel ix-xhud[14]. Ippreżenta ukoll ktieb li huwa għamel meta l-imputat kien waqaf jagħtih l-irċevuti, fejn kien jikteb id-data u l-ammont tal-pagamenti u hemm l-firem tal-imputat li kien jirċievi l-pagamenti[15]. Ix-xhud igħid ukoll li minkejja li kien qiegħed jagħmel il-pagamenti kollha, il-vettura baqgħet reġistrata f'isem l-imputat. Madanakollu x-xhud stqarr li huwa xorta kien ħareġ polza ta' assikurazzjoni fuqha għas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u preżenta kopja tagħha[16].

Mistoqsi x'sar minnha l-vettura jgħid li darba minnhom Schembri kien mar fuq il-post tax-xoghol tiegħu u qallu li l-karozza jridha lura u hu tahielu u qallu li ma riedx jaf iżjed biha. Igħid li l-imputat ilu li ħadha lura xi sentejn pero ma qagħadx kwiet iżda qallu li jrid iħallsu mitt ewro oħra fix-xahar għax qiegħed jigaraxxja. Huwa għamel referenza għal xi messaġġi li kienu rekordjati fuq il-*WhatsApp* u li ġew inseriti fil-*pendrive*. Il-messaggi kienu indirizzati lilu. Igħid li dawn huma uħud minn sensiela twila ta' messaġġi li kien ilu jirċevi mingħand l-imputat. Igħid li kien ilu jirċevihom sa mis-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u baqa' jirċevihom b'mod regolari ħafna.

Id-depożizzjoni ta' Karl Stagno Navarra kienet ġiet sospiża, iżda fl-udjenza ta' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) Karl Stagno Navarra deher u rrinunzja għal dak kollu li hu rinunzjabbli[17].

**Mary Claire Tabone**[18] xehdet għan-nom ta' *Epic Comunications Limited* u stqarret li l-kont dwar in-numru tat-telefon ċellulari 99425337 huwa reġistrat fuq Jean Pierre Schembri bin-numru tal-karta tal-identita' 0201577M u nfetaħ nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022). Murija

[13] 'Dok KS' a fol. 67 tal-atti proċesswali
[14] 'Dok KS 1' sa 'Dok KS 19' a fol. 68 tal-atti proċesswali
[15] 'Dok KS 20' a fol. 69 tal-atti proċesswali
[16] 'Dok KS 21' a fol. 70 tal-atti proċesswali
[17] A fol. 77 tal-atti proċesswali
[18] A fol. 78 tal-atti proċesswali

d-dokumenti esebiti fl-atti u mmarkati bħala 'Dok A' a fol. 35 *et seq,* hija tikkonferma l-kontenut tal-istess dokumenti.

**Stephania Calafato Testa**[19], Assistent Reġistratur tal-Qorti xehdet u ppreżentat sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jean Pierre Schembri** deċiża mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)[20]. Hija preżentat ukoll il-*fine report*[21] u kkonfermat li l-multa ġiet imħallsa u li minn din is-sentenza ma kienx hemm appell. Ix-xhud tgħid li kien hemm sentenza oħra li għada ma ġietx preżentata fl-atti. Hija tagħti d-dettalji ta' din is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Jean Pierre Schembri** deċiża nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) mill-Maġistrat Dr. Victor Axiaq. Hija tgħid li l-multa ġiet imħallsa u ma kienx hemm appell minn din is-sentenza u preżentat il-*fine report*[22].

## Stqarrija tal-imputat[23]

L-imputat irilaxxa stqarrija nhar it-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), fil-preżenza ta' RPC3059 Raymond Mallia, wara li ngħata t-twissija mill-Ispettur Doriette Cuschieri, li ma huwiex obbligat li jwieġeb għad-domandi li ser isirulu, iżda dak kollu li jgħid jitniżżel bil-miktub u jista' jinġab bħala prova. Huwa ngħata ukoll Ittra bid-drittijiet tiegħu, u għażel li ma jikkonsultax ma avukat tal-għażla tiegħu qabel l-istqarrija, kif ukoll għażel li ma jkollux l-avukat tiegħu preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija.

Huwa jikkonferma li n-numru tat-telefon ċelullari tiegħu huwa 99425337. Mistoqsi x'għandu xi jgħid dwar ir-rapport li rċeviet il-Pulizija mingħand Karl Stagno Navarra dwar insulti u theddid da parti tiegħu, huwa jgħid li ma kienx hemmx insulti. Igħid li t-telefonati u l-messaġġi kienu ntbagħtu għax Karl Stagno Navarra għandu jagħtih il-flus ta' karozza li kien biegħlu. Mistoqsi kif jaf lil Karl Stagno Navarra, huwa jgħid li darba kien biegħlu vettura tal-għamla *Mini Cooper*. Eventwalment kien ħallsu tal-*Mini Cooper* u wara kien biegħlu vettura tal-għamla *Qashqai* bin-numru ta' reġistrazzjoni DBV 951. Igħid li peress li dak iż-żmien Karl Stagno Navarra ma setgħax ikollu karozzi reġistrati fuq ismu, il-karozza kien għamilha fuq ismu. Huwa jiċħad li kien ġabar il-flus li kellu jieħu mingħand Karl Stagno Navarra fuq il-vettura u li kien baqa' jitolbu iktar pagamenti. Igħid li Karl Stagno Navarra kien ħallas l-ammont ta' xi erbat elef u sitt mitt ewro (€4600) mill-ammont ta' xi tnax-il elf ewro (€12,000). Igħid ukoll li minn dak l-ammont

[19] A fol. 86 tal-atti proċesswali
[20] 'Dok SC 1' a fol. 88 tal-atti proċesswali
[21] 'Dok SC 2' a fol. 93 tal-atti proċesswali
[22] 'Dok SC 3' a fol. 94 tal-atti proċesswali
[23] A fol. 32 tal-atti proċesswali

ta' erbat elef u sitt mitt ewro (€4600) iridu jinqatgħu mitt ewro (€100) fix-xahar tal-garaxx li ilha fih il-vettura għal madwar sentejn, kif ukoll irid iħallas ta' meta l-vettura ġiet irmunkata, meta fetħuha u meta bidlilha l-*battery*. Jispjega li din il-vettura huwa qiegħed iżommha f'garaxx għandu sakemm ma Karl Stagno Navarra jħallasha. Igħid li kif iħallasha, tiġi trasferita fuq Karl Stagno Navarra u jtih il-vettura.

Huwa jgħid li qatt ma kien hedded lil Karl Stagno Navarra. Jikkonferma li kien hemm tgħajjir reċiproku bejniethom iżda fl-aħħar mill-aħħar mill-pagamenti jinteressah. Igħid li hemm Ordni tal-Qorti dwar dawn il-pagamenti. Igħid li Karl Stagno Navarra għandu jagħtih l-ammont ta' disat elef, seba' mija u ħamsa u disgħin ewro (€9795). Huwa jiċħad li jumejn qabel, u ċioe' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), wara li l-Pulizija kellmitu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi fuq ir-rapport ta' theddid u insulti, huwa kien mar ħdejn ir-residenza ta' Karl Stagno Navarra ġewwa s-Siġġiewi. Huwa jiċħad ukoll li kien mar isabbat fuq il-bieb ta' Karl Stagno Navarra u li x'ħin fetaħlu, daħal ġewwa u ħebb għalih. Muri ċertifikat mediku f'isem Karl Stagno Navarra fejn jidher li Stagno Navarra sofra ġrieħi ta' natura ħafifa, huwa igħid li ma jaf xejn dwar dan, għax ma kienx ħebb għalih. Huwa jiċħad ukoll li meta kien fir-residenza ta' Karl Stagno Navarra, kien waddab *crash helmet* u kisser vażun.

Mistoqsi sabiex jikkonferma li din ma kinitx l-ewwel darba li kien mar fejn ir-residenza ta' Karl Stagno Navarra u anke mar fuq il-post tax-xogħol tiegħu, huwa igħid li ġieli mar sabiex jiġbor il-pagamenti u ġieli kien talbu sabiex isellfu xi flus u kien jeħodomlu d-dar. Igħid li sax-xahar ta' qabel stess, kien tellalu l-flus ħdejn id-dar tiegħu, is-Siġġiewi. Igħid li kien tela' darbtejn u kien ħadlu ħamsin ewro (€50) kull darba. Igħid li fil-fatt kien hemm ic-*chats* bejniethom li juru li l-pagament ta' Lulju kellu jkun erba' mitt ewro (€400), kif ukoll mitt ewro (€100) li huwa kien sellfu għall-użu personali tiegħu.

Igħid li ma ddispjaċihx ta' dak li għamel għax ma kien għamel xejn, ħlief li jipprova jiġbor flusu u jeħles mill-*Qashqai*. Iżid li dakinhar li Karl Stagno Navarra qal li huwa marlu fid-dar, huwa kien mar jiġbor lit-tifla tiegħu bejn l-erbgħa neqsin kwart u l-erbgħa ta' wara nofsinhar u wara baqgħu sejrin il-baħar. Mistoqsi jekk għandux xi jżid, igħid li Karl Stagno Navarra kien għamel dan ir-rapport sabiex jiffranka milli jħallas il-pagamenti għaliex għandu *voice message* dwar dan.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni**

Illi fl-udjenza ta' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) deher l-kwerelant debitament assistit u rrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli. L-imputat aċċetta tali rinunzja u għalhekk l-imputazzjonijiet numru tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5) u sitta (6) ġew estinti.

Jibqa' għalhekk l-ewwel (1), it-tieni (2), is-sebgħa (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjoni, kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva u l-imputazzjoni bla numru fejn l-imputat jinsab akkużat li wettaq reat waqt il-perjodu ta' liberta kondizzjonata mposta fuqu permezz ta' sentenza ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022).

**Is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjoni**

Illi, permezz tas-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjoni, l-imputat jinsab mixli bir-reat imfassal fl-Artikolu 49(a), (b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' illi għamel użu minn xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex *'(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil din il-persuna jew xi persuna oħra jew (c) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih'*.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Joseph Gauci**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta (2003), ġie ritenut li:-

> *"Biex ikun hemm tali theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, ġesti jew b'mod ieħor – xi forma ta' ħsara inġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv. Huwa veru li ma hemmx għalfejn li l-ħsara prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi indikat b'xi grad ta' preċiżjoni l-interess, ġuridikament relevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jgħid: "...e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'".*

Illi, *in oltre,* dwar ir-reat ikkontemplat fis-sub-inċiż (ċ), fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Dr. Alfred Grech**[24] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013), ingħad illi:-

> *"Meta fil- paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (c) msemmi in kwantu huma messaggi li talanqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi."*

Illi minn eżami tal-atti proċesswali odjerni, huwa indubitat illi fuq medda ta' żmien antecedenti għat-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-imputat bagħat numru ta' *voice messages* lil Karl Stagno Navarra, liema messaġġi kellhom fil-kontenut tagħhom kliem oxxen u aggressiv. Fil-fatt Karl Stagno Navarra xehed li ħassu mhedded bil-kliem li lissen l-imputat u li qanqallu biża'. Dan ifisser li ġie ppruvat mingħajr dubbju dettat mir-raġuni li kliem l-imputat intimidah, għamilu l-ħsara, dejjqu u vvessah. Jirriżulta ukoll li l-imputat bi kliemu kien heddu li ser jimmalafamah. Dan l-għemil tal-imputat huwa tali li jikkostitwixxi l-att materjali tar-reati ravviżati fl-Artikoli 49(a), (b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk huwa ndubitat li s-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjoni dedotti kontra l-imputat ġew ppruvati sal-grad rikjest mill-Liġi.

**L-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni**

Illi l-imputat jinsab ukoll mixli bir-reat tal-fastidju, kif ukoll tal-biża ta' vjolenza, kif maħsub fl-Artikoli 251A u 251B tal-Kodiċi Kriminali. Illi dawn ir-reati ġew introdotti għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena elfejn u ħamsa (2005).

[24] Appell Numru 344/2012

Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- James Demanuele** deċiża fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) il-Qorti rriteniet illi:

> "*L-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fir-raba' imputazzjoni. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' filpersuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251 (3) (a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.*"

Fl-istess sentenza l-Qorti rriteniet ukoll illi :-

> *"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna lohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*
>
> *Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

*dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**" [21.6.07] :-*

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

Illi kkunsidrati l-provi in atti, prinċipalment id-deposizjoni tal-kwerelant u d-dokumenti eżebiti minnu, kif ukoll l-istqarrija tal-imputat, din il-Qorti, tinsab moralment konvinta mill-ħtija tal-imputat kemm fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, kif ukoll fir-rigward tat-tieni (2) waħda. Jibda billi jingħad li mill-atti jirriżulta li kienu seħħew diversi episodji wara xulxin fejn l-aġir tal-imputat fil-konfront tal-kwerelant kien tali li ffastidjah. Mhux biss, iżda huwa ampjament ippruvat li t-theddid, il-kliem aggressiv u l-aġir tal-imputat fil-konfront tal-parti leża rrekawlu biża'. Di piu', huwa ippruvat illi fid-data tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), seħħ l-inċident li xpruna dan il-każ, bil-parti leża jixhed illi wara li għamel rapport lill-Pulizija, u l-imputat ġie mitkellem dwar l-istess rapport, l-imputat mar fir-residenza tiegħu ġewwa s-Siġġiewi, u permezz tal-aġir tiegħu kkaġunalu biża. Għalhekk l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni ukoll jirriżulta li ġew sodisfaċentament ippruvati.

**L-addebitu tar-reċediva**

L-imputat ġie akkużat ukoll bir-reċediva. Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni eżebiet sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs-Jean (Jean Pierre) Schembri**, li permezz tagħha l-imputat odjern (in-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għall-karta tal-identita' tal-imputat fil-każ odjern) ġie kkundannat għall-multa ta' disa' mija u għoxrin ewro (€920). L-Assistent Reġistratur Stephania Calafato Testa kkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza u li l-multa mposta permezz tal-istess sentenza ġiet imħallsa. Għalhekk l-addebitu tar-reċediva jirriżulta ukoll sodisfaċentament ippruvat.

**Kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kondizzjonata**

Dwar l-imputazzjoni, bla numru, fejn l-imputat jinsab akkużat li għamel reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta kondizzjonata, din tirriżulta pruvata u dan għaliex permezz tas-sentenza suriferita, fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Jean (Jean Pierre) Schembri** ta' din il-Qorti diversament preseduta, ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-imputat ingħata ukoll liberta kundizzjonata fir-rigward ta' numru ta' imputazzjonijiet, u ġie liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett (3) snin. Illi r-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, saru f'Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel u għalhekk saru fl-imsemmi perijodu ta' tlett (3) snin. Għalhekk din l-imputazzjoni ukoll tirriżulta sodisfaċentament ippruvata.

**Dwar il-piena**

Għall-finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-kwerelant irrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli u li ma kellux iktar interess f'dawn il-proċeduri, kif ukoll qieset ix-xorta tar-reati u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, din l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 214, 221(1)(4), 251A(1)(a)(b)(2)(4), 251B(1)(2), 325(1)(c), 339(1)(e)(2), 383 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 22 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiddikjara proċediment estint fir-rigward tat-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni u dan fid-dawl tar-rinunzja da parti tal-parti leża, filwaqt illi qegħda ssib lill-imputat ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), is-sebgħa (7), it-tmien (8) u d-disgħa (9) imputazzjoni, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u tal-imputazzjoni bla numru fejn l-imputat jinsab akkużat li wettaq reat waqt il-perjodu ta' liberta kondizzjonata mpost fuqu permezz ta' sentenza ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022).

Illi fir-rigward tal-ewwel (1), it-tieni (2), is-sebgħa (7), it-tmien (8) u d-disgħa (9) imputazzjoni, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva, peress li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li hemm lok li jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk huwa jwettaq xi reat ieħor fi żmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat trattat f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta’ l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-Qorti qegħda toħroġ fil-konfront ta’ l-imputat Ordni ta’ Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta’ **Karl Stagno Navarra**. Dan l-Ordni ta’ Trażżin qiegħed jinħareġ għal perijodu ta’ sentejn li jibda jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f’Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qiegħed jiġi anness ma’ din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta’ l-Artikolu 382A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta’ Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f’każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta’ tali Ordni ta’ Trażżin, u cioè f’tali eventwalità jista’ jiġi ikkundannat għal multa ta’ sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta’ mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

In vista tal-ħruġ ta’ l-Ordni ta’ Trażżin fil-konfront ta’ l-imputat, il-Qorti tastjeni milli tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi *in oltre* a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, billi l-imputat instab ħati tal-imputazzjoni bla numru, li wettaq reat waqt perjodu operattiv ta’ liberta kundizzjonata mposta fuqu minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Ian Farrugia nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), qed titratta miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom kien tpoġġa taħt tali Ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet.

Għalhekk wara li rat l-Artikoli 22 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikoli 214, 215, 221(1), 338(ee), 339(1)(d), 339(1)(e) u 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tikundanna lill-imputat għall-multa ta’ erba’ mitt ewro (€400).

Illi b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista’ titħallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ ħamsin ewro (€50) fix-xahar. F’każ li l-ħlas ikun ser isir b’rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien disa’ (9)

xhur u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara